

Terminoloġija

Suppliment ma' l-aċċent (ħarġa 14)

Lenti fuq il-Politika Agrikola Komuni (PAK)



Format ġdid għas-Suppliment

Minn din is-sena ddeċidejna li nagħtu dehra ġdida lill-Glossarju u nespanduh biex ikollu valur usa' minn dak ta' elenku sempliċi ta' termini Ingliż (EN) – Malti (MT). Għalhekk, flimkien mat-termini EN u MT qed ninkludu wkoll:

- il-kodiċi tal-kunċett li jservi ta' identifikatur fir-repożitorju terminoloġiku IATE (InterActive Terminology for Europe), u li se nkunu qed nirreferu għalih bħala **I-ATE ID**;
- id-definizzjoni tat-terminu bil-Malti - xi drabi, din tinkorpora termini oħrajn pertinenti li mmarkajna b'tipa grassa biex nindikaw li anke dawn jistgħu jinstabu fil-IATE (fil-fatt, f'dawn il-każijiet, inkludejna wkoll il-**I-ATE ID** tagħhom fil-parentesi kwadri);
- u fejn disponibbli,
 - i) **nota dwar il-kunċett**, li tkompli tibni fuq it-tagħrif mogħti fid-definizzjoni permezz ta' dettalji ulterjuri/eżempji rilevanti, u/jew
 - ii) **nota dwar it-terminu** Malti kkonċernat li tippreċiża xi dettalji mil-lat tal-lingwa fil-mira, bħal pereżempju r-raġuni għalfejn tkun għet ippreferuta forma lessikali/ortografika minn oħra għal dak il-kuntest partikolari.

Il-punt tat-tluq ta' kull terminu hija t-tifsira tiegħu - id-definizzjoni hija dik li tagħti l-ħajja lill-kunċett u tiddistingwih minn oħrajn. F'każijiet fejn, l-ekwivalenti MT, viżwalment ikun jidher "imbiegħed" minn dak EN jew xi ftit jew wisq "stramb", id-definizzjoni titfa' dawl fuq id-direzzjoni li tkun ittiegħdet meta jkun intgħażel it-terminu l-aktar preċiż u trasparenti fil-kuntest. Kienet proprju din ir-raġuni li mmotivatna nieħdu dan il-pass. Permezz tad-definizzjoni u n-noti addizzjonali li slitna mill-IATE, qed nittamaw li jkunilkom aktar faċli tgħaqqdu dawn il-ħafna "biċċiet" li qed nippreżentaw hawnhekk u b'hekk tibnu stampa ċara u iktar kompluta tas-suġġett li qed nittrattaw f'dan is-Suppliment.

Terminoloġija tal-PAK

Din id-darba ffukajna fuq il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq xi temi oħrajn relatati li jaqgħu strettament taħt il-qasam tal-agrikoltura. Il-Politika Agrikola Komuni ("PAK") hija waħda mill-aktar politiki antiki fl-istorja tal-Unjoni Ewropea u għaldaqstant tiffirma parti fundamentali mill-proġett tal-integrazzjoni Ewropea. Minħabba li ilha fis-seħħ għal snin twal, il-PAK għet adattata diversi drabi biex kemm jista' jkun dejjem twieġeb għall-isfidi l-ġodda li kontinwament ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa tal-UE. Għaldaqstant, din għaddiet minn diversi riformi, partikolarment matul dan l-aħħar deċennju u nofs. L-għanijiet ewlenin ta' din il-politika, sa mill-bidu tagħha, kienu li tħeġġeġ il-produttività fil-katina tal-ikel (ara wkoll is-suppliment fil-hargħa ta' l-aċċent ta' Marzu 2014¹), li tiżgura standard tal-għajxien tajjeb għall-komunità agrikola, li tħares lill-bdiewa mill-volatilità fil-prezzijiet u mill-kriżijiet fis-suq u tassistihom biex jinvestu fl-immodernizzar tal-azjendi agrikoli tagħhom, li tiggarrantixxi d-disponibbiltà ta' ikel sikur għall-konsumaturi tal-UE bi prezzijiet li jintlaħqu mill-but ta' kulħadd u li tiproteġi l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali.

Il-PAK rat il-bidu tagħha fl-1961 - l-ewwel u l-unika politika komuni reali tal-UE ta' dak iż-żmien. Din il-politika kienet iffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri; b'dawk l-aktar għonja jħallsu iżjed minn (u jpattu għal) dawk ifqar. Il-prinċipju ewlieni fil-qofol ta' din il-politika kien li jingħata appoġġ lill-bdiewa: il-prodotti agrikoli bdew jinbiegħu mal-UE kollha bi prezzijiet komuni, it-taxxi fuq l-importazzjonijiet li kienu jidħlu fl-Unjoni naqsu u l-esportazzjonijiet ta' ċerti prodotti bdew jiġu ssussidjati meta l-prezz globali tagħhom kien ikun orħos minn dak tal-UE. Il-prezzijiet garantiti għall-prodotti agrikoli inċentivaw aktar lill-bdiewa u b'hekk il-produzzjoni bdiet tiżdied għmielha. Sakemm il-PAK kienet għadha l-unika politika fil-livell tal-UE, din kellha sehem sostanzjali mill-baġit globali tal-UE (87% fl-1970), iżda hekk kif maż-żmien il-firxa ta' politiki bdiet tikber, is-sehem mill-baġit iddedikat għaliha beda dejjem jonqos u llum il-ġurnata jirrappreżenta madwar 38% biss.

Fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet il-PAK għaddiet minn żmien ta' kriżi: l-appoġġ fil-prezzijiet kien tant effettiv li għab miegħu eċċess fil-produzzjoni tal-ikel. Fi ftit kliem, l-UE kienet qed tipproduċi ħafna iktar minn dak li kienet teħtieġ, b'mod partikolari, il-butir, iċ-ċereali, il-laħam taċ-ċanga, il-ħalib u l-inbid. Minħabba f'hekk il-prodotti ż-żejda bdew jinbiegħu bi prezzijiet issussidjati fis-swieq globali, u ħafna mid-drabi dawn kienu orħos mill-prezzijiet tal-bdiewa lokali fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Kien f'dan il-punt li beda jinħass il-bżonn li ssir riforma tal-Politika Agrikola Komuni. Fl-1984 ittiedu l-ewwel passi sabiex tiġi kkontrollata l-produzzjoni żejda, pereżempju billi ġew stabbiliti kwoti tal-ħalib li jillimitaw il-volum ta' ħalib li kull produttur seta' jipproduċi biex finalment jitqiegħed fis-suq.

Ir-riforma tal-2003 biddlet il-PAK radikalment b'għadd ta' innovazzjonijiet sinifikanti. Fosthom, naraw kif skemi speċifiċi ta' pagament dirett ġew inkorporati fi **skema ta' pagament uniku** u kif pagamenti diretti ġew **diżakkoppjati** mill-produzzjoni². Barra minn hekk, ġew introdotti wkoll mekkaniżmi importanti bħall-**kundizzjonalità**, il-**modulazzjoni**, id-**digressività**, il-**mekkaniżmu ta' dixiplina finanzjarja** u s-**servizzi tal-konsulenza agrikola**³. Fis-snin ta' wara, dawn il-mekkaniżmi komplew jiġu rfinuti biex jakkomodaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini li minn żmien għal żmien jinbidlu skont il-kundizzjonijiet soċjali u/jew ekonomiċi li jsibu ruħhom fihom.

F'Ottubru tal-2005, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet simplifikazzjoni estensiva tal-PAK bit-tama li tnaqqas il-burokrazija regolatorja żejda u li tistabbilixxi regoli iktar trasparenti u inqas kumplessi biex wieħed ikun jista' jifhimhom u jikkonforma magħhom aktar faċilment. Fl-2008, intlaħaq ftehim dwar l-hekk magħruf **Kontroll tas-Saħħa** – aġġustament ieħor tal-PAK, bl-iskop ewlieni li jitneħħew ir-restrizzjonijiet minn fuq il-bdiewa sabiex dawn ikunu jistgħu jiffaċċjaw sfidi ġodda bħat-tibdil fil-klima u l-bijoenerġija, u biex jirreaġixxu aħjar għall-movimenti fis-suq.

¹ Terminoloġija dwar il-katina agroalimentari, suppliment ma' l-aċċent, Marzu 2014, http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_11_supplement_mt.pdf

² Glossary of terms related to the Common Agricultural Policy, Aġġornament: April 2015, http://ec.europa.eu/agriculture/glossary/index_en.htm

³ Għal aktar tagħrif dwar it-termini b'tipa grassa, ara l-Glossarju ta' dan is-suppliment

Wara sentejn ta' negozjati bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, intlaħaq ftehim politiku dwar ir-riforma tal-PAK u f'Diċembru tal-2013 ġew ippubblikati l-erba' Atti Bażiċi u r-Regoli ta' Tranżizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁴. Din l-aħħar riforma tenfasizza r-rwol kruċjali li għandu s-settur tal-agrikoltura fil-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali tagħna kif ukoll fis-sostenn tal-ekonomija rurali. Minkejja li stabbilixxiet qafas komuni (sas-sena 2020), xorta waħda tat lok għal diversifikazzjoni fl-użu tal-PAK mill-Istati Membri individwali sabiex din il-politika tkun tista' verament tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż.

Evidentement, din id-daħla tagħti biss ħarsa ġenerali lejn l-istorja movimentata tal-Politika Agrikola Komuni. Permezz tat-termini li ġbarna f'dan il-Glossarju, identifikkajna wħud mill-aktar elementi essenzjali li jinkapsulaw is-sinifikat tar-rwol tagħha għall-agrikoltura Ewropea. Jekk tixtiequ tiksbu aktar informazzjoni dwar il-PAK, nissuġġerulkom tmorru fuq il-paġna ddedikata għall-agrikoltura fis-sit web uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (http://europa.eu/pol/agr/index_mt.htm) jew tirreferu għall-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata: "Sħubija bejn l-Ewropa u l-bdiewa - Il-politika tal-agrikoltura komuni tal-UE: għall-ikel, il-kampanja u l-ambjent tagħna" (http://ec.europa.eu/agriculture/cap-overview/2014_mt.pdf).

It-Terminologi tal-Kummissjoni Ewropea

Jennifer De Barro u Jeantide Naudi

Ikkuntattjana fuq: DGT-TERMAL@ec.europa.eu

KONTU TAFU LI...

Dawn id-definizzjonijiet u n-noti kollha tistgħu ssibuhom ukoll fuq l-interfaċċa pubblika tal-IATE, aċċessibbli minn <http://iate.europa.eu/>

Mhux hekk biss... Għal kull terminu kkwotat hawnhekk, din il-bażi ta' dejta terminoloġika tipprovdi għadd ta' referenzi importanti, inkluż is-sors minn fejn tkun inkisbet id-definizzjoni kif ukoll kuntesti meħuda minn dokumenti ppubblikati fejn ikun okkorra t-terminu mfittex. Għal aktar dettalji dwar l-istruttura u r-rwol tal-IATE, nistednukom taqraw l-artiklu li qed inħejju għall-ħargħa li jmiss ta' l-aċċent!

⁴ Sabiex taċċessa l-erba' regolamenti bażiċi tar-riforma tal-PAK, uża l-links li ġejjin:
- <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:347:0487:0548:mt:PDF>
- <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:347:0549:0607:mt:PDF>
- <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:347:0608:0670:mt:PDF>
- <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:347:0671:0854:mt:PDF>

3541200	active farmer	bidwi attiv
	<p>Fil-kuntest tal-PAK, bidwi li:</p> <p>(a) L-ammont annwali tal-pagamenti diretti tiegħu huwa mill-inqas 5 % tal-irċevuti totali li kiseb minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar reċenti li għaliha hija disponibbli tali evidenza;</p> <p>(b) L-attivitajiet agrikoli tiegħu mhumiex insinifikanti;</p> <p>(c) L-oġġettivi prinċipali tan-negozju jew tal-kumpanija tiegħu jikkonsistu fl-eżerċitar ta' attività agrikola.</p>	
3517222	adverse climatic event	event klimatiku avvers
	<p>Kundizzjonijiet tat-temp, bħal ġlata, maltempati u silġ, xita qawwija jew nixfa severa, li jistgħu jitqiesu bħala diżastru naturali.</p>	
2114108	advisory group on the food chain and animal and plant health	grupp konsultattiv dwar il-katina alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti
	<p>Grupp magħmul minn 45 organizzazzjoni li jirrappreżentaw lill-bdiewa, l-industrija tal-ikel, il-bejjiegħa u l-għaqdiet tal-konsumaturi u li għandu l-għan iżgħura li l-miżuri li jittieħdu mill-Kummissjoni dwar is-sikurezza tal-ikel u l-għalf ikunu verament imfasslin għall-bżonnijiet u abbażi tal-opinjoni ta' min se jużahom - il-konsumaturi, il-bdiewa, l-industrija tal-ikel u l-bejjiegħa, kif ukoll jipprovdu gwida ċara lill-Kummissjoni Ewropea dwar it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ikel u għalf, is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, in-nutrizzjoni tal-bniedem fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar l-ikel kif ukoll is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti.</p>	
756361	afforestation	tisgħir
	<p>It-taħwil ta' siġar għall-ħolqien ta' boskijiet jew foresti.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Fil-kuntest tal-politika agrikola komuni, it-terminu jirreferi għall-miżuri, kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' boskijiet ġodda bil-għan li dan jibbenefika lill-ambjent.</p>	

1391290	agricultural activity	attività agrikola
	<p>Fil-kuntest tal-PAK:</p> <p>1.il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inkluż il-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-biedja; jew</p> <p>2.iż-żamma ta' żona agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħi jew għall-kultivazzjoni mingħajr ebda azzjoni partikolari ta' tnejn li tmur lil hinn mill-metodi agrikoli u l-makkinarji tradizzjonali bbażati fuq kriterji li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri abbażi ta' qafas stabbilit mill-Kummissjoni; jew</p> <p>3.it-twettiq ta' attività minima li tiġi stabbilita mill-Istati Membri dwar żoni agrikoli miżmuma b'mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħi jew għall-kultivazzjoni.</p>	
758887	agricultural advisory services, agricultural extension	servizzi tal-konsulenza agrikola, estensjoni agrikola
	Disseminazzjoni fost il-bdiewa ta' għarfien tekniku, finanzjarju u ekonomiku.	
2142227	agricultural area	żona agrikola
	Kull żona użata bħala art għall-kultivazzjoni, mergħa permanenti jew għal tkabbir permanenti.	
968902	agricultural area in use, utilised agricultural area, UAA	erja agrikola użata, erja agrikola utilizzata, EAU
	L-erja totali li tinkludi r-raba' [IATE:1572742], bwar permanenti [IATE:1256533], għelejjel [IATE:2148219] permanenti u ġonna kulinari [IATE:1256761] użata mill-azzjenda, bla ma jitqies it-tip ta' pussess jew jekk hijiex użata bħala parti minn art komuni.	
1078330	agricultural guideline	linja gwida agrikola
	Linja gwida li tikkostitwixxi l-limitu ta' nefqa agrikola għal kull sena baġitarja.	

1236711	agricultural holding, holding	azjenda agrikola, azjenda
	<p>Unità li tinkludi art, bini u faċilitajiet użati għall-produzzjoni agrikola primarja.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Minkejja li "razzett" komunement tintuża bħala l-ekwivalenti għal "farm", dan huwa kunċett ċirkoskritt għal Malta u jikkostitwixxi twessigħ semantiku tal-kunċett ta' "farmhouse" bħala eżempju partikolari ta' arkitettura lokali li tradizzjonalment kienet tkun marbuta ma' xi xorta ta' impriża agrikola żgħira. Aquilina fil-fatt jiddefinixxi "farm" bħala 'qasam bil-bini jew irziezet ġo fih għat-trobbija tal-annimali'.</p>	
1876664	agricultural parcel	roqgħa agrikola
	<p>Medda kontinwa ta' art, iddikjarata minn bidwi, li ma tkoprix aktar minn grupp wieħed ta' għelejjel.</p>	
1225029	agricultural policy	politika agrikola
	<p>Sett ta' liġijiet marbuta mal-agrikoltura domestika u l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli barranin.</p>	
3541288	agricultural practice beneficial for the climate and the environment, greening practice	prattika agrikola ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent, prattika ta' ekoloġizzazzjoni
	<p>Prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.</p>	
1696509	agricultural product	prodott agrikolu
	<p>Prodott tal-art, tat-trobbija tal-annimali u tas-sajd kif ukoll tal-ewwel proċessar konness direttament ma' dawn il-prodotti.</p>	

914733	agri-environmental indicators	indikaturi agroambjentali
	Indikaturi li jittraċċaw l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali fil-Politika Agrikola Komuni fil-livelli tal-Unjoni Ewropea, nazzjonali u reġjonali.	
147876	agri-environmental measure	miżura agroambjentali
	Miżura ddisinjata biex tipprovdi pagamenti lill-bdiewa li fuq bażi volontarja jinvolve ruħhom f'impenji biex jippreservaw l-ambjent u jieħdu fieseb il-kampanja.	
3536579	agri-environmental payment	pagament agroambjentali
	<p>Pagamenti li jsiru lill-bdiewa li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-Prattika Tajba tal-Biedja.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-għan huwa li l-ambjent ikun imħares u mtejjeb, li l-kampanja tinżamm f'kundizzjoni ambjentali tajba, li tiġi inkoraġġita l-biedja estensiva, li tiġi ppreservata d-diversità ġenetika u li jiġu osservati standards għoljin ta' trattament xieraq tal-animali. Il-bdiewa jingħataw rimborż, mill-Unjoni Ewropea u mill-fondi nazzjonali, għall-ispejjeż żejda mġarrba u għad-dħul mitluf bħala riżultat ta' din it-tip ta' biedja li twassal għal dawn il-prodotti u servizzi pubbliċi addizzjonali.</p>	
3539566	agri-environment-climate commitment	impenn agroambjentali klimatiku
	Impenn li jagħti lok għal għotja ta' pagament agroambjentali klimatiku [IATE:3539565].	
3548914	agri-environment-climate measure	miżura agroambjentali klimatika
	<p>Miżura bil-għan li tinkoraġġixxi lill-bdiewa japplikaw b'mod volontarju u fuq perjodu stabbilit, prattiki tal-biedja li jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-ambjent, tal-pajsaġġ u tar-riżorsi naturali u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-appoġġ jista' jingħata permezz ta' programmi ta' Żvilupp Rurali. Il-pagamenti jikkumpensaw lill-bdiewa għall-ispejjeż żejda li jġarrbu u d-dħul li jtilfu meta jidhru għal dawn il-prattiki. Il-prattiki għandhom imorru lil hinn minn għadd ta' obbligi li fi kwalunkwe każ japplikaw għall-bdiewa - inkluż (iżda mhux limitati għal) il-kundizzjonalità u l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti. Anke prattika partikolari li tiġi ffinanzjata bid-dispożizzjonijiet ta' ekoloġizzazzjoni tal-pilastru I ma tistax tiġi ffinanzjata b'miżura agroambjentali klimatika.</p>	

3539565	agri-environment-climate payment	pagament agroambjentali klimatiku
	Pagamenti mogħtija lill-bdiewa, lil gruppi ta' bdiewa jew lil persuni oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenn agroambjentali klimatiku wieħed jew aktar fuq l-art agrikola.	
2154671	allocation coefficient	koeffiċjent tal-allokkazzjoni
	Koeffiċjent biex tinħadem l-allokkazzjoni tal-kwantitajiet u l-valuri massimi għall-prodotti li jistgħu jiġu esportati u li jkollhom rifiżjoni għall-esportazzjoni. Nota dwar il-kunċett: Dawn il-limiti għall-allokkazzjoni ekwitabbli tal-kwantitajiet huma stipulati fil-Ftehim dwar l-Agricoltura.	
45150	animal disease	marda tal-animali
	Fil-kuntest ta' miżuri tal-Iżvilupp Rurali, waħda mill-mardiet inklużi fil-lista stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali jew fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE.	
827429	animal welfare, welfare of animals	trattament xieraq tal-animali
	<p>Stat li fih huma osservati l-"ħames libertajiet":</p> <ul style="list-style-type: none"> • libertà mill-ġuħ, l-għatx u l-malnutrizzjoni - aċċess faċli għall-ilma u dieta tajba għas-saħħa u l-vitalità; • libertà mill-biżà u l-ansjetà - billi jiġu żgurati kundizzjonijiet u trattament li jevitaw is-sofferenza mentali; • libertà minn skumdità fiżika u termali - billi jiġi pprovdut ambjent adatt li jinkludi kenn u post komdu għall-mistrieħ; • libertà mill-uġiġħ, korriment u mard - permezz ta' prevenzjoni jew dijanjożi u trattament rapidu; • libertà li jkunu espressi modi ta' mgħiba normali - bil-provvediment ta' biżżejjed spazju, faċilitajiet xierqa u l-kumpanija ta' animali oħra tal-istess tip. <p>Nota dwar it-terminu: Għandha tinżamm din il-verżjoni għalkemm jintużaw ukoll espressjonijiet oħrajn bħal "benessri tal-animali" jew "tal-bhejjem".</p>	

1572742	arable land	art li tinħadem, raba'
	Art b'għelejjel temporanji, art temporanjament mogħxa (anqas minn ħames snin), merġat temporanji.	
1090759	area aid application	applikazzjoni għall-għajjnuna skont l-erja
	Dikjarazzjoni tal-erja tal-art li tinħadem u/jew tal-erja tal- foraġġ [IATE:1621764] skont is- Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) [IATE:874544].	
3566712	area under cultivation	żona taħt kultivazzjoni
	Iż-żona li tikkorrispondi għaż-żona totali miżrugħa, iżda li wara l-ħsad teskludi ż-żoni rvinati (eż. minħabba diżastri naturali).	
3539564	area with natural constraints, area facing natural constraints	żona b'restrizzjonijiet naturali
	<p>Żona li għaliha l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jagħtu pagamenti lill-bdiewa li joperaw fiha biex jikkompensaw għad-diffikultajiet marbuta mal-produzzjoni f'dawn iż-żoni minħabba aspetti bijofiżiċi tal-ambjent kif iddefinit fir-regoli dwar l-Iżvilupp Rurali b'rabta mal-Politika Agrikola Komuni.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Qabel kien jintuża l-kunċett ta' "żoni żvantaġġati" iżda d-definizzjoni ġiet aġġustata biex tirrifletti kriterji oġġettivi.</p>	
3541362	basic payment scheme	skema ta' pagament bażiku
	<p>Skema li titħaddem abbażi ta' drittijiet għall-pagament allokat lill-bdiewa fl-ewwel sena li tiġi applikata l-iskema u li tiġi attivata kull sena mill-bdiewa.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Bir-regoli 2007-2013 tal-Politika Agrikola Komuni, il-bdiewa rċewew pagamenti diretti jew taħt l-iskema ta' Pagament Uniku jew l-iskema ta' Pagament Uniku Skont l-Erja. Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu ta' wara l-2013 tissostitwixxi l-iskema ta' Pagament Uniku bl-iskema ta' Pagament Bażiku mill-2015.</p>	

1443507	biological resources	riżorsi bijoloġiċi
	Riżorsi ġenetiċi, organiżmi jew partijiet tagħhom, popolazzjonijiet, jew kwalunkwe komponent bijotiku ta' ekosistemi b'użu reali jew potenzjali jew ta' valur għall-umanità.	
835407	biotechnology	bijoteknoloġija
	Applikazzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija għall-organiżmi ħajjin, kif ukoll għall-partijiet, il-prodotti u l-mudelli tagħhom, biex materjali ħajjin u mhux ħajjin jinbidlu għall-produzzjoni ta' għarfien, oġġetti u servizzi.	
3557393	capital works	xogħlijiet kapitali
	Xogħlijiet li jitwettqu mill-bidwi nnifsu jew mill-ħaddiema tiegħu, li permezz tagħhom jinħoloq assi.	
751905	capping	ffissar ta' limitu massimu
	<p>Mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li 'jillimitaw' l-ammont tal-Pagament Bażiku li kull bidwi jirċievi.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan il-mekkaniżmu huwa skont ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu ta' wara l-2013. Il-fondi 'iffrankati' taħt dan il-mekkaniżmu jibqgħu fl-Istat Membru kkonċernat u jiġu trasferiti għall-pakkett tal-Iżvilupp Rurali. L-iffissar ta' limitu massimu huwa volontarju għall-Istati Membri u huwa applikazzjoni speċifika ta' digressività.</p>	
3566105	catastrophic event	event katastrofiku
	Event mhux previst ta' natura bijotika jew abijotika kkawżat minn azzjoni umana li jwassal għal tfixkil kbir fis-sistemi tal-produzzjoni agrikola jew fl-istrutturi tal-foresti, li eventwalment jikkawża ħsara ekonomika kbira lis-setturi tal-biedja jew tal-foresti.	

867624	climate change	tibdil fil-klima
	<p>Tibdil fil-klima kkawżat direttament jew indirettament minn attività tal-bnedmin li tiddel il-kompożizzjoni tal-atmosfera globali u li flimkien mal-varjabbiltà naturali tal-klima, tiġi osservata tul perjodi ta' żmien li jistgħu jitqabblu.</p> <p>Nota dwar it-terminu: In-nom verbali jagħti l-aħjar idea ta' bidla li għadha għaddejja (i.e. proċess kontinwu). Għandhom jiġu evitati kliem bħal: "bdil" (skambju), "bidla" (għrajja waħda u mitmuma), "tibdila" (ta' ħwejjeġ) eċċ.</p>	
914842	climate change mitigation, mitigation of climate change	mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima
	<p>Azzjoni mmirata li tnaqqas l-ammont nett ta' gassijiet serra li jiġu rilaxxati fl-atmosfera, u li b'hekk tgħin tnaqqas il-proċess ta' tibdil fil-klima li jirriżulta minn attivitajiet tal-bniedem.</p>	
3556539	climate friendliness	rispett lejn il-klima
	<p>Stat ta' kontribut minimu lit-tibdil fil-klima, eż. il-produzzjoni tal-iżgħar ammont possibbli ta' gassijiet serra u t-tnaqqis tal-ħolqien ta' piżijiet ambjentali marbuta mat-tibdil fil-klima.</p>	
3523794	co-existence	koeżistenza
	<p>Il-preżenza, fl-istess biċċa art, ta' għelejjel imkabbra b'modi differenti (jiġifieri għelejjel imkabbra b'mod konvenzjonali, għelejjel imkabbra skont il-prinċipji tal-biedja organika u għelejjel imkabbra minn żrieragħ li ġew ġenetikament modifikati).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Hemm għadd ta' obbligi legali fir-rigward tal-istandards tat-tikkettar u/jew tal-purezza li japplikaw f'dawn is-sitwazzjonijiet.</p>	

1173686	Common Agricultural Policy, CAP	Politika Agrikola Komuni, PAK
	<p>Sett ta' leġiżlazzjoni u prattiki adottati mill-Unjoni Ewropea bil-għan ta' politika komuni dwar l-agrikoltura.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-miżuri inizjali ġew introdotti fl-1962. Minn dakinhar, il-politika ġiet adattata u żviluppata u ġiet soġġetta għal għadd ta' riformi. L-erba' regolamenti bażiċi tal-PAK il-ġdida wara l-2013 huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Ir-Regolament 1305/2013 (Żvilupp Rurali) CELEX:32013R1305/MT • Ir-Regolament 1306/2013 (Kwistjonijiet "orizzontali" bħall-finanzjament u l-kontrolli) CELEX:32013R1306/MT • Ir-Regolament 1307/2013 (Pagamenti diretti lill-bdiewa) CELEX:32013R1307/MT • Ir-Regolament 1308/2013 (Miżuri tas-suq) CELEX:32013R1308/MT 	
1898929	common organisation of the markets in agricultural products, common market organisation, CMO	organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, organizzazzjoni komuni tas-swieq, OKS
	<p>Qafas legali stabbilit skont l-Artikolu 40 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) [IATE:856545] fuq livell Ewropew għal ċerti setturi agrikoli sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) [IATE:1173686]. Din l-organizzazzjoni tista' tiegħu waħda minn dawn il-forom, skont il-prodotti kkonċernati: a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni; b) il-koordinament obbligatorju tad-diversi organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq; c) organizzazzjoni tas-suq Ewropea.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Ara wkoll: "organizzazzjoni komuni tas-suq unika" (OKS unika) [IATE:2242156] u "Regolament dwar l-OKS Unika" [IATE:2245164].</p>	
1227365	common organisation of the market in wine	organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid
	<p>Organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fil-Komunità Ewropea, li tinkludi regoli dwar il-potenzjal ta' produzzjoni tal-inbid, il-mekkaniżmi tas-suq, l-organizzazzjonijiet ta' produttori u organizzazzjonijiet settorjali, il-prattiki u l-proċessi enoloġiċi, deskrizzjoni, deżinjazzjoni, preżentazzjoni u protezzjoni, inbid ta' kwalità prodott f'reġjuni speċifiċi u kummerċ ma' pajjiżi terzi.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-21 OKS settorjali ġew sostitwiti b'OKS unika [IATE:2242156]</p>	

787694	common market organisation, CMO	organizzazzjoni komuni tas-swieq, OKS
	<p>Wieħed mill-21 strument li kienu jirregolaw il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agricoli Ewropej billi tneħħew l-ostakli għall-kummerċ intrakomunitarju tal-prodotti agricoli u nżamm ostaklu doganali komuni mal-pajjiżi terzi.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Il-formulazzjoni li tintuża normalment hi "organizzazzjoni komuni tas-suq fi x" (eż. "organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex").</p>	
2224310	common organisation of the markets in the sugar sector	organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor
	<p>Organizzazzjoni li twaqqfet fl-1967 u li kellha l-għan li ttejjeb il-kompetittività tas-settur u b'hekk tiżgura s-sostenibbiltà tiegħu fit-tul, u li baqgħet fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2008.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Preċedentement din l-organizzazzjoni kienet magħrufa bħala l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor [IATE:2143461].</p>	
2143461	common organization of the sugar market, common organisation of the market in sugar	organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor
	<p>Organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor fil-Komunità Ewropea li kienet fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2008 u li kellha l-għan li ttejjeb il-kompetittività tas-settur u b'hekk tiżgura s-sostenibbiltà tiegħu fit-tul.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor ġiet sostitwita bl-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [IATE:2224310].</p>	
3545268	community-led local development	żvilupp lokali mmexxi mill-komunità
	<p>Metodu għall-involviment ta' sħab fil-livell lokali inklużi s-soċjetà ċivili u l-atturi ekonomiċi lokali fid-disinn u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati lokali li jgħinu liż-żoni tagħhom jagħmlu t-tranżizzjoni għal futur iktar sostenibbli.</p>	

3553139	community-led local development strategy	strateġija ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità
	<p>Sett koerenti ta' operazzjonijiet biex jiġu ssodisfati l-oġġettivi u l-ħtiġijiet lokali, li jikkontribwixxi biex tintlaħaq l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u li huwa mfassal u implimentat minn grupp ta' azzjoni lokali (LAG).</p>	
2167322	complementary national direct payments	pagamenti diretti nazzjonali komplimentari
	<p>Għajjuna nazzjonali addizzjonali f'ċerti setturi tal-PAK li, wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara l-2004 ġew permessi jagħtu minħabba l-introduzzjoni gradwali ta' pagament diretti wara l-ażżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Mill-2013, il-pagamenti diretti nazzjonali komplimentari ġew sostitwiti mill-għajjuna nazzjonali tranżitorja (ħlief għall-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija).</p>	
3539461	crop diversification	diversifikazzjoni tal-għelejjel
	<p>Iż-żieda ta' għelejjel ġodda jew sistemi ġodda ta' tkabbir tal-għelejjel fil-produzzjoni agrikola f'azzjenda partikolari fejn jitqiesu r-redditi differenti minn għelejjel ta' valur miżjud b'opportunitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni kumplimentari.</p>	
3507012	cropped area	żona kkultivata
	<p>Iż-żona li tikkorrispondi għaż-żona totali miżrugħa għall-produzzjoni ta' għalla speċifika matul sena determinata.</p>	

930051	cross-compliance	kundizzjonalità
	<p>Rekwiżit li l-bdiewa jridu jissodisfaw sabiex jirċievu pagamenti diretti u xi forom oħra ta' appoġġ.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-bdiewa għandhom jimxu ma' ċerti regoli li jikkonċernaw is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-klima, l-ambjent, il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma, it-trattament xieraq tal-annimali u l-kundizzjoni li fiha tinżamm l-art għall-biedja.</p>	
926876	decoupling	diżakkoppjament tal-għajjuna, diżakkoppjament
	<p>It-tneħħija tar-rabta bejn il-pagamenti diretti u l-produzzjoni.</p>	
3502735	defined geographical area	żona ġeografika ddefinita
	<ul style="list-style-type: none"> • Żona ġeografika ddefinita li fiha jridu jseħħu l-ipproċessar u l-preparazzjoni ta' prodott agrikolu jew oġġett tal-ikel sabiex dan jibbenifika minn denominazzjoni ta' oriġini protetta, jew • Żona ġeografika ddefinita li fiha jridu jseħħu l-produzzjoni u/jew l-ipproċessar u/jew il-preparazzjoni ta' prodott agrikolu jew oġġett tal-ikel sabiex dan jibbenifika minn indikazzjoni ġeografika protetta. 	
1917250	degressivity	digressività
	<p>Fil-kuntest tal-proposti tar-riforma tal-PAK ta' Ottubru 2011, dan il-kunċett jirreferi għat-tnaqqis tal-appoġġ li tista' tirċievi imprima individuali.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-pagament ta' appoġġ se jitnaqqas b'70% għas-segment €250 000-300 000; b'40% għas-segment €200 000-250 000, u b'20% għas-segment €150 000-200 000. Il-limitu massimu se jkun ta' EUR 300 000 kull sena. Il-pagament tal-ekoloġizzazzjoni huwa eżenti mid-digressività u mhuwiex inkluż fil-kalkolu tas-segment. Sabiex jitqiesu l-impjegji, l-azjenda tista' tnaqqas l-ispejjeż tas-salarji fis-sena preċedenti (inklużi t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) qabel ma jiġi applikat dan it-tnaqqis.</p>	

756772	density of livestock, stocking density	densità ta' bhejjem
	<p>L-ammont ta' bhejjem għal kull unità tas-superfiċje.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan jirrigwarda l-aktar il-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż f'biedja estensiva.</p>	
874454	domestic support	appoġġ domestiku
	<p>Kwalunkwe sussidju domestiku jew miżura oħra li taġixxi biex iżżomm il-prezzijiet tal-produtturi f'livelli ogħla minn dawk prevalenti fil-kummerċ internazzjonali: pagamenti diretti lill-produtturi, li jinkludu indennitajiet kompensattivi, u miżuri għat-tnaqqis tal-ispiża tal-input u l-kummerċjalizzazzjoni disponibbli biss għall-produzzjoni agrikola.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Huwa wieħed mit-tliet pilastru tal-ftehim tad-WTO dwar l-agrikoltura u n-negozjati agrikoli dwar l-aġenda ta' Doha għall-iżvilupp.</p> <p>Nota dwar it-terminu: "Sostenn" u "appoġġ" huma sinonimi però ġie preferut it-terminu bil-kelma "appoġġ" għaliex hemm għadd kbir ta' termini agrikoli stabbiliti fejn intużat il-kelma "appoġġ". Għalhekk biex inżommu l-konsistenza fit-testi leġiżlattivi tajjeb li nagħtu preferenza lil termini li jużaw il-kelma "appoġġ".</p>	
2248091	dual-purpose crop	għalla b'użu doppju
	<p>Għalla li għandha aktar minn għan wieħed, konvenzjonalment meqjusa bħala għalla għall-użu ewlieni tagħha u bħala għalla sekondarja għall-użu supplimentari tagħha.</p>	
3539464	ecological focus area	erja b'fokus ekoloġiku
	<p>Erja b'benefiċċji għall-ambjent, li jtejbju l-bijodiversità u jżommu l-pajsaġġ attraenti (bħall-karatteristiki tal-pajsaġġ, l-istrixxi ta' lqugħ, iż-żoni msaġġra, l-art mhux maħduma, iż-żoni b'għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu eċċ.).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Mill-2015, kull bidwi fl-Unjoni Ewropea li jitlob pagamenti diretti u jkollu aktar minn 15-il ettaru ta' art li tinħarat, għandu jkollu 5% ta' din l-art li tinħarat koperta minn erjas b'fokus ekoloġiku. Japplikaw xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali, pereżempju għall-bdiewa li jkollhom aktar minn 75% tal-erja tagħhom taħt il-bwar.</p>	

1306704	Economic Accounts for Agriculture, EAA	kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura, KEA
	Kontijiet li jfornu d-dejta kollha dwar l-aspetti tal-attività agrikola, filwaqt li jrendu possibbli l-paraguni u jissimplifikaw l-inklużjoni fi statistika ekonomika.	
2192302	energy crops	għelejjel enerġetiċi
	<p>Għelejjel li jiġu kkultivati speċifikament għall-produzzjoni tal-bijofjuwils (bħall-bijoeetanol) jew biex jinħarqu għall-kontenut enerġetiku tagħhom bil-għan li jiġi ġġenerat l-elettriku jew li tiġi ġġenerata s-sħana.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dawn l-għelejjel jinkludu kemm dawk tal-ikel bħall-qamħirrum u l-kannamieli, kif ukoll dawk mhux tal-ikel bħas-siġar tal-luq. L-enerġija tista' tiġi ġġenerata permezz tal-kombustjoni diretta jew tal-gassifikazzjoni tal-għelejjel.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Normalment it-terminu jintuża fil-plural.</p>	
3557386	environmental inċident	inċident ambjentali
	<p>Okkorrenza speċifika ta' tniġġis, kontaminazzjoni jew degradazzjoni fil-kwalità tal-ambjent relatata ma' event speċifiku u li l-ambitu ġeografiku tagħha huwa limitat.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Ma jkoprix riskji ambjentali ġenerali li mhumiex marbuta ma' event speċifiku, bħal tibdil fil-klima jew tniġġis atmosferiku.</p>	
2221958	erosion of preferences, preference erosion	tnaqqir tal-preferenzi
	<p>Il-marġni ta' preferenza favur il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jista' jonqos jekk jirnexxu n-negozjati li għaddejnin fil-qafas tal-aġenda ta' Doha għall-iżvilupp li jimmiraw lejn tnaqqis fuq il-livell tad-dazji mhux preferenzjali.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Jekk in-negozjati jirnexxu, jitnaqqsu d-dazji mhux preferenzjali iżda t-tariffi preferenzjali jibqgħu l-istess.</p>	

933855	European Agricultural Fund for Rural Development, EAFRD	Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, FAEŻR
	<p>Fond li ħa post it-taqsima ta' gwida tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija u dik il-parti tat-taqsima ta' garanzija li minnha kienu ffinanzjati xi wħud mill-miżuri tal-Iżvilupp Rurali.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan il-fond inħoloq f'Settembru 2005 u daħal fis-seħħ fil-bidu tal-2007. Huwa l-uniku sors ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp Rurali.</p>	
2114149	European Agricultural Guarantee Fund, EAGF	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, FAEG
	<p>Fond li ħa post it-taqsima tal-garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija u jipprovi finanzjament għal pagamenti diretti lill-bdiewa, għall-ġestjoni tas-swieq agrikoli u għal għadd ta' għanijiet oħra bħall-miżuri veterinarji u għas-saħħa tal-pjanti, programmi tal-ikel u attivitajiet ta' informazzjoni.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan il-fond inħoloq f'Settembru 2005 u daħal fis-seħħ fil-bidu tal-2007.</p>	
3551257	European Innovation Partnership for agricultural productivity and sustainability, EIP for agricultural productivity and sustainability	Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni: produttività u sostenibbiltà fil-qasam agrikolu, SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà fil-qasam agrikolu
	<p>Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni [IATE:3518394] li tippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-vijabbiltà ekonomika, il-produttività, il-kompetittività, emissjonijiet baxxi tal-karbonju, ir-rispett għall-ambjent u r-reżiljenza tas-settur agrikolu u tal-forestrija.</p>	
3518394	European innovation partnership, EIP	Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, EIP
	<p>Sħubija bejn l-UE u livelli nazzjonali biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji meħtieġa biex jiġu ffaċċjati l-isfidi identifikati mill-inizjattiva ewlenija: Unjoni ta' Innovazzjoni [IATE:3517490].</p>	

2217900	European Network for Rural Development, ENRD	Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ENRD
	Netwerk stabbilit fl-2008 mill-Kummissjoni Ewropea biex jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw il-programmi ta' Żvilupp Rurali tagħhom b'mod effiċjenti.	
3552136	external convergence	mekkaniżmu ta' konverġenza esterna
	Arranġamenti biex il-fondi għall-pagamenti diretti jiġu distribwiti b'mod aktar ġust.	
387544	fallen stock	bhejjem mejta
	Annimali li jkunu nqatlu permezz tal-ewtanażja b'dijanjożi definita jew mingħajrha, jew li mietu, inklużi annimali li twieldu mejta u li ma twildux, fuq azjenda jew fi kwalunkwe bini jew matul it-trasport, iżda li ma nqatlux għall-konsum tal-bniedem.	
1138976	Farm Accountancy Data Network, FADN	netwerk tad-dejta tal-kontabilità agrikola, FADN
	<p>Netwerk li jipprovdi dejta dwar l-aspetti finanzjarji u ekonomiċi ta' diversi tipi ta' agrikoltura fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Kull sena jintgħażel kampjun ta' farms li jkun rappreżentattiv tal-farms kummerċjali. Dawn il-farms jipprovdu dejta dwar l-ispejjeż tagħhom tal-produzzjoni, id-dħul tagħhom mill-bejgħ u dwar aspetti oħra tal-operati agrikoli tagħhom. Id-dejta tippermetti lill-Unjoni Ewropea tissorvelja s-sitwazzjoni tad-dħul tal-bdiewa u teżamina l-effetti tal-Politika Agrikola Komuni.</p>	

2145179	farm development plan	pjan ta' żvilupp agrikolu
	Programm ta' modernizzazzjoni li jinkludi sistema selettiva ta' inċentivi għal azjendi agrikoli li għandhom pjan ta' titjib.	
1568714	farmer	bidwi
	Persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li jeżerċitaw attività agrikola.	
3538359	financial discipline mechanism	mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja
	Mekkaniżmu biex ikun żgurat li n-nefqa skont id-dispożizzjonijiet tal-politika agrikola komuni ma taqbiżx il-limiti speċifikati fil-baġit tal-Unjoni Ewropea.	
3557134	focus area	qasam ta' prijorità
	<p>Nota dwar il-kunċett: L-Unjoni Ewropea identifikat sitt prijoritajiet għall-Iżvilupp Rurali. Dawn ġew maqsuma fi 18-il "qasam ta' prijorità" sabiex ikun possibbli li jingħata dettall aħjar tal-għanijiet ta' kull prijorità u biex tiġi ffaċilitata l-programmazzjoni. Il-programmi ta' Żvilupp Rurali se jkollhom jikkwantifikaw il-miri speċifiċi ex ante b'rabta ma' kull qasam ta' prijorità. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-Istati Membri se jkollhom jirrapportaw b'mod regolari dwar il-progress fil-kisba ta' dawn il-miri. L-oqsma ta' prijorità mhumiex żoni b'fokus ekoloġiku [IATE:3539464].</p>	

3561399	food crop-based biofuel, food based biofuel	bijokarburant minn kultivazzjonijiet alimentari, bijokarburant magħmul mill-ikel
	Bijokarburant prodott minn ċereali u minn għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor u bi pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt.	
869624	food safety	sikurezza alimentari
	Meta oġġetti tal-ikel ikunu tajbin biex jittieklu mill-konsumatur. Nota dwar il-kunċett: M'għandhiex tiġi konfuża ma' " sigurtà tal-ikel " [IATE:782483], li tirreferi għad-disponibbiltà tal-ikel għall-popolazzjoni kollha.	
782483	food security	sigurtà alimentari, sigurtà tal-ikel
	Meta n-nies kollha, f'kull mument, ikollhom aċċess għal biżżejjed ikel tajjeb għas-saħħa u bla periklu biex jissodisfaw il-bżonnijiet tad-dieta u l-preferenzi tagħhom għal ħajja attiva u b'saħħitha. Nota dwar il-kunċett: Dan il-kunċett m'għandux jiġi konfuż mal-kunċett " sikurezza alimentari " [IATE:869624], li jirreferi għall-fatt jekk oġġetti tal-ikel ikunux tajbin biex jittieklu mill-konsumatur.	
781115	forest	foresta
	Żona ta' art li jkun fiha aktar minn 0.5 ettari b'siġar ogħla minn ħames metri u b'kopertura ta' ħaxix ta' aktar minn għaxra fil-mija, jew b'siġar li kapaċi jilhqqu dawn il-limiti in situ. Nota dwar il-kunċett: Ma tinkludix art li prinċipalment hija taħt użu agrikolu jew urban. Stat Membru jew reġjun jista' jagħżel li japplika definizzjoni oħra ta' foresta abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew fuq sistema ta' inventarju. L-Istati Membri jew ir-reġjuni għandhom jinkludu d-definizzjoni fil-programmi ta' Żvilupp Rurali tagħhom.	

3566783	forestry	forestrija
	Ix-xjenza li tistudja t-taħwil ta' siġar f'foresta.	

3562669	free range	trobbija fil-beraħ, fil-beraħ
	<p>Tip ta' trobbija tal-pollam fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> • ir-rata tal-irjus fil-gallinar u l-età tal-qatla jkunu skont il-limiti ffissati, għajr għal tiġieġ, li għalihom ir-rata ta' ħażna tista' tiżdied għal 13, iżda mhux iżjed minn 27.5kg piż ħaj għal kull m², • l-għasafar kellhom, għal minn tal-inqas nofs ħajjithom, aċċess kontinwu bi nhar għal spazji fil-beraħ li jinkludu arja mgħottija l-aktar b'veġetazzjoni ta' mhux inqas minn: 1m² għal kull tiġieġa jew fargħuna, 2m² għal kull papra, 4m² għal kull dundjan jew wiżża, • il-formula tal-ikel użata fil-fażi tat-tħaxxin fiha tal-inqas 70% ċereali, • il-gallinar tat-tjur huwa pprovdut b'ħofor ta' tul kombinat daqs jew ikbar minn dak tal-itwal naħa tad-dar fil-każ ta' tiġieġ. <p>Nota dwar it-terminu: "Fil-beraħ" waħedha tintuża fejn "trobbija" ma tkunx meħtieġa fil-kuntest, bħal pereżempju "free range feeding" li tiġi "għalf fil-beraħ".</p>	

1443508	genetic resource	riżorsi ġenetiċi
	Materjal ġenetiku li għandu valur reali jew potenzjali.	

778473	genetically modified organism, GMO	organiżmu ġenetikament modifikat, OĠM
	Kull organismu, bl-eċċezzjoni tal-bniedem, li l-materjal ġenetiku tiegħu ġie alterat b'tali mod li ma jokkorri b'mod naturali hekk kif jokkorri permezz tat-tgħammir u/jew permezz ta' rikombinazzjoni naturali.	

2229441	good agricultural and environmental condition, GAEC	kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, KAAT
	<p>Kundizzjoni li tintlaħaq meta l-bdiewa jiproteġu l-ħamrija kontra l-erożjoni, iżommu l-istruttura tal-ħamrija u tal-materjal organiku tal-ħamrija, u jħarsu l-karatteristiki tal-pajsaġġ.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Huma l-Istati Membri - mhux l-Unjoni Ewropea – li jiddeċiedu l-ispeċifikazzjoni eżatta ta' dawn il-parametri.</p>	
2145862	grazing stock, grazing livestock	bhejjem jirgħu
	<p>Bhejjem tal-ifrat (għajr għall-għoġġiela tal-vitella), nagħaġ, mogħoż u żwiemel.</p>	
1703023	grazing, pasture, pasturage	bur
	<p>Art moxa li tiswa bħala mergħa, iżda li tkun għadha mhijjex tajba bħala raba' għaż-żriġħ; art ftit jew wisq ħawlija, li ma tkunx maħduma.</p>	
3561154	green payment, greening payment, green direct payment	pagament għal approċċ aktar ekoloġiku, pagament ta' ekoloġizzazzjoni, pagament ta' ekoloġizzazzjoni dirett
	<p>Pagament taħt il-Politika Agrikola Komuni li jingħata lill-bdiewa bil-kundizzjoni li jwettqu prattiki li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.</p>	

1478628	greening	ekoloġizzazzjoni
	L-inkorporazzjoni ta' prodotti u proċessi ekoloġiċi fl-ambjent ta' dak li jkun b'hal pereżempju fid-dar, fuq il-post tax-xogħol u fl-istil tal-ħajja.	
1138608	guaranteed price	prezz garantit
	Prezz fiss, stabbilit minn qabel bi qbil mal-Kummissjoni, li bih jinxtraw prodotti agrikoli fis-suq uniku. Nota dwar il-kunċett: Kunċett li ġie introdott fil-bidu tat-tħaddim tal-PAK. Il-PAK offriet sussidji u prezzijiet garantiti għal diversi prodotti tal-bdiewa, billi ġew ipprovduti inċentivi għall-bdiewa biex jipproduċu.	
1568349	harvested area	żona maħsuda
	Il-parti taż-żona kkultivata li tinħasad. Nota dwar il-kunċett: Din tista' tkun daqs iż-żona kkultivata jew iżgħar minnha.	
1244933	health mark	marka tas-saħħa
	Marka ovali fuq il-prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali li tidentifika l-istabbiliment tal-ipproċessar li jkun ipproduċa u ppakkja l-prodott u li għalhekk ikun responsabbli għall-istat ta' iġjene tiegħu.	

3546172	Horizontal Regulation	Regolament Orizzontali
	<p>Regolament adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li jagħmel parti mir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu ta' wara l-2013 u li jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-aspetti baġitarji taż-żewġ pilastri tal-Politika Agrikola Komuni (il-Fond Ewropew Agrikolu ta' Garanzija u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Huwa jittratta korrezzjonijiet u kontrolli finanzjarji kif ukoll proċeduri għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u l-applikazzjoni tal-penali.</p> <p>Ir-regolament jipprevedi wkoll għal regoli komuni dwar is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, il-kundizzjonalità u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll.</p> <p>Jistabbilixxi l-bażi għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni tal-benefiċjarji tal-Politika Agrikola Komuni u jistabbilixxi qafas komuni ta' valutazzjoni u ta' monitoraġġ bil-għan li jitkejlu r-riżultati tal-politika.</p>	
916879	illegal logging	qtuġġ illegali tas-siġar għall-injam
	<p>Prattiki illegali b'rabta mal-ħsad, l-ipproċessar u l-kummerċ tal-injam.</p>	
3549871	information management system for official controls	sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali
	<p>Sistema informatika ta' ġestjoni tal-informazzjoni stabbilita u ġestita mill-Kummissjoni għall-operat integrat tal-mekkaniżmi u l-għodod li permezz tagħhom jiġu ġestiti u trattati dejta, informazzjoni u dokumenti dwar il-kontrolli uffiċjali.</p>	

874544	integrated administration and control system, IACS	Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll, SIAK
	<p>Sistema obbligatorja użata mill-Istati Membri għall-ġestjoni u l-kontroll ta' pagamenti li jsiru lill-bdiewa taħt il-Politika Agrikola Komuni, permezz ta' tekniki avvanzati biex il-pakketti jiġu ċċekkjati b'fotografija mill-ajru jew bis-satellita, u biex id-dikjarazzjonijiet tal-bdiewa jiġu vverifikati mal-bażi ta' dejta tal-kompjuter.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Speċifikament, is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll tiżgura li jinkixfu l-irregolaritajiet fil-pagamenti u jiġu segwiti l-mistoqsijiet. B'dan il-mod, il-pagamenti li jsiru lill-bdiewa jsiru b'mod korrett u jiġi rkuprat kwalunkwe ammont li jkun tħallas b'mod mhux korrett.</p>	
2146452	interbranch organisation	organizzazzjoni interprofessjonali
	<p>Organizzazzjoni, komposta minn produtturi, iżda li essenzjalment tista' tinkludi rappreżentanti ta' attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-produzzjoni, il-kummerċ jew l-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, li għandha l-objettiv, b'mod partikolari, li tottimizza l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-ipproċessar tal-prodotti.</p>	
139620	intervention buying, intervention buying-in	xiri ta' intervent, xiri sfurzat b'intervent
	<p>Meta l-prezzijiet tas-suq għal prodott agrikolu jaqgħu taħt ċertu livell, l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jintervjenu biex jistabbilizzaw is-suq billi jixtru l-provvisti żejda, li wara jistgħu jinħażnu sakemm il-prezz tas-suq jerġa' jiżdied, jew jistgħu jiġu esportati lejn pajjiż terz jew inkella jinstab użu alternattiv għalihom.</p>	
1572842	kitchen garden	ġnien kulinari
	<p>Partijiet minn art agrikola li fihom jitkabbru prodotti tar-raba' li mhumiex maħsubin għall-bejgħ imma għall-konsum minn sid il-farm u l-familja tiegħu.</p>	

910179	land parcel identification system, LPIS	sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art, LPIS
	<p>Bażi ta' dejta tal-kompjuter li jkun fiha ż-żoni agrikoli kollha li huma eliġibbli għal pagament dirett taħt il-Politika Agrikola Komuni u li tintuża għall-kontroverifika tal-irqajja' [IATE:1668186] li għalihom il-bidwi jkun talab pagament.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Is-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art tiżgura li l-bidwi jitħallas għaż-żona korretta u li jiġi evitat li jsir f'las żejjed.</p>	
2205340	Land Use/Cover Area frame statistical Survey, LUCAS	stħarriġ qafas statistiku tal-użu tal-art taż-żona koperta, LUCAS
	<p>Stħarriġ regolari u armonizzat fl-Istati Membri kollha tal-UE biex jinġabar tagħrif dwar il-kopertura tal-art u l-użu tal-art.</p>	
922868	land-use, land-use change and forestry, LULUCF	użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, LULUCF
	<p>Settur ta' inventarju ta' gass b'effett serra li jkopri emissjonijiet u tnaqqis ta' gassijiet b'effett serra b'riżultat ta' tibdil mill-bniedem fl-użu tal-art, b'tali mod li dan it-tibdil iħalli impatt fuq iċ-ċiklu tal-karbonju u hekk jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima.</p>	
3538360	Leader approach	approċċ Leader
	<p>Metodu biex jinkisbu l-oġettivi tal-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE permezz ta' implimentazzjoni minn isfel għal fuq aktar milli bil-mod tradizzjonali minn fuq għal isfel.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: "Leader" huwa akronimu Franċiż għal "rabtiet bejn l-azzjonijiet tal-iżvilupp rurali".</p>	

158582	Leader+	Leader+
	Leader+ huwa wieħed mill-erba' inizjattivi ffinanzjati mill-fondi strutturali tal-UE u huwa mfassal biex jgħin lil atturi rurali jikkunsidraw il-potenzjal fit-tul tar-reġjun lokali tagħhom.	
3500689	legally harvested timber	injam maħsud b'mod legali
	Injam maħsud f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ħsad.	
793097	less-favoured area	żona żvantaġġata
	Żona bi problemi naturali (nuqqas ta' ilma, klima, staġun qasir tal-kultivazzjoni u tendenzi ta' depopolazzjoni), jew muntanjuża jew b'ħafna għoljiet.	
126626	levy	imposta
	<p>Fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. pagament mill-bdiewa lil fond għal attività speċifika bħall-promozzjoni tal-bejgħ tal-prodotti tal-farm fl-Unjoni Ewropea jew lil hinn minnha; 2. pagament mill-bdiewa lil gvern għal servizzi partikolari, bħall-kontroll tal-mard tal-annimali; 3. pagament mill-bdiewa fil-każ li l-produzzjoni tagħhom taqbeż ċertu limitu ta' produzzjoni. 	

3567039	livestock	bhejjem
	L-animali kollha miżmuma għall-użu jew għall-profit.	
1569296	livestock population, livestock numbers	popolazzjoni tal-bhejjem
	L-għadd ta' animali tal-produzzjoni li huma fil-pussess dirett jew fil-ġestjoni diretta ta' azzjenda waħda jew aktar f'jum ta' referenza partikolari.	
1051221	local action group, LAG	grupp ta' azzjoni lokali, GAL
	<p>Grupp magħmul minn rappreżentanti ta' interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fih, fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet la l-awtoritajiet pubbliċi (kif definit skont ir-regoli nazzjonali) u lanqas ebda grupp uniku ta' interess ma għandu jeżerċita aktar minn 49% tad-drittijiet tal-vot.</p> <p>Nota dwar it-terminu: L-akronimu jinżamm bil-Malti kif jintuża mill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali f'Malta. F'test bil-Malti għandu jintuża l-akronimu Malti "GAL" u mhux dak EN "LAG". Ara: http://www.galxlokk.com/ [14.03.2012] kif ukoll ir-rapport "2011 F'idma tal-Gvern 2008-2013" tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.</p>	
2246367	marketing of agricultural products	kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli
	Wirja bil-għan ta' bejgħ, ta' offerta ta' bejgħ, ta' kunsinna jew ta' kwalunkwe mod ieħor ta' tqegħid fis-suq, minbarra l-ewwel bejgħ minn produttur primarju lil min ibiġħ mill-ġdid jew lil proċessuri u kwalunkwe attività li tneġġi prodott għal dan it-tip tal-ewwel bejgħ.	

1102074	marketing year	kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni
	Perjodu referenzjarju annwali għall-iffissar ta' prezzijiet tal-farms.	

3566117	Milk Package	Pakkett dwar il-Ħalib
	Ġabra ta' miżuri politiċi, imfassla fl-2012, biex jgħinu jiġi stabbilizzat is-suq jew jinstab bilanċ bejn il-provvista u d-domanda billi jitjebu l-kuntratti bejn il-bdiewa u l-imħaleb, jissaħħaħ il-poter ta' negozjar kollettiv tal-bdiewa relattiv għal dak tal-imħaleb, titjeb it-trasparenza tal-katina kollha tal-provvista u jinġiebu flimkien l-atturi mill-partijiet differenti tal-katina tal-provvista f'organizzazzjonijiet interprofessjonali.	

1225318	milk quota	kwota tal-ħalib
	<p>Limitazzjonijiet kemm fil-livell tal-Istati Membri (kwoti nazzjonali) u fil-livell tal-produtturi (kwoti individwali) fuq il-volum ta' ħalib li jista' jitqiegħed fis-suq.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Fl-1984 iddaħħlu l-kwoti fuq il-ħalib biex irażżnu l-produzzjoni dejjem qed tiżdied tal-ħalib li kienet oġġla mid-domanda. Sabiex jinżamm prezz minimu garantit għall-bdiewa tal-ħalib, l-Unjoni Ewropea kellha tixtri l-eċċess strutturali mis-suq. L-introduzzjoni tal-kwoti tal-ħalib finalment għebet iż-żieda fil-produzzjoni tal-ħalib taħt kontroll. Il-kwoti tal-ħalib kienu inizjalment għal perjodu ta' ħames snin u sussegwentement ġew imġedda. Huma għandhom jintemmu darba għal dejjem fl-2015 (ara imposta [IATE:126626]).</p>	

2205335	modulation	modulazzjoni
	<p>Mekkaniżmu li ġie introdott fir-riforma tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni u ġie mmodifikat fil-kontroll tas-saħħa tal-2009 u li ppermetta t-tnaqqis progressiv tal-pagamenti diretti u t-trasferiment tal-flus li b'hekk ġew 'iffrankati' mill-pilastru 1 (il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija) għall-pilastru 2 (il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-modulazzjoni, <i>per se</i>, mhijjex element tar-riforma tal-2013. Madankollu, jeżistu elementi simili fil-forma ta' digressività, limitar u trasferimenti bejn il-pilastru.</p>	
2154094	national ceiling	limitu massimu nazzjonali
	<p>L-ammont massimu li jista' jitħallas, skont l-Istat Membru u s-sena, taħt l-iskema ta' pagament uniku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-kunċett tal-limitu massimu nazzjonali ddaħħal bir-riforma tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni. Limiti massimi nazzjonali jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi ta' allokkazzjoni minn qabel tal-baġit tal-Unjoni Ewropea ddedikat għall-pagamenti diretti fil-kuntest tal-perspettiva finanzjarja.</p>	
1067354	national reserve	riżerva nazzjonali
	<p>Nota dwar il-kunċett: Fir-rigward tas-settur tal-ħalib, dan it-terminu jirreferi għal riżerva ta' kwota tal-ħalib li tista' tiġi allokata mill-gvernijiet tal-Istati Membri lill-bdiewa li jixtiequ jibdeu jipproduċu l-ħalib. Is-sistema tal-kwota tal-ħalib u r-riżerva nazzjonali assoċjata jiskadu fl-2015. Fir-rigward tas-settur tal-inbid, dan it-terminu jirreferi għal riżerva ta' drittijiet tat-tħawwil li jistgħu jiġu allokati mill-Istati Membri lill-produtturi tal-inbid.</p>	
2249829	national rural network	network rurali nazzjonali
	<p>Organizzazzjoni mwaqqfa minn gvern ta' Stat Membru biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' programm ta' Żvilupp Rurali tal-Unjoni Ewropea permezz tan-netwerking ta' amministrazzjonijiet pubbliċi u organizzazzjonijiet involuti fl-Iżvilupp Rurali.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: In-netwerks rurali nazzjonali jipprovdu rabta importanti fil-livell nazzjonali bejn l-atturi differenti tal-Iżvilupp Rurali involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' Żvilupp Rurali, inklużi gruppi ta' azzjoni lokali.</p>	

872387	Natura 2000 network, Natura 2000	netwerk Natura 2000, Natura 2000
	Netwerk ekoloġiku fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.	
776417	natural disaster	diżastru naturali
	Il-konsegwenza ta' periklu naturali (pereżempju, żbruffar ta' vulkan jew terremot) li taffettwa l-attivitajiet tal-bniedem. Il-vulnerabbiltà umana, magħmula agħar min-nuqqas ta' pjanar jew in-nuqqas ta' ġestjoni adattata ta' emerġenza, twassal għal telf finanzjarju, ambjentali jew uman.	
921099	non-trade concerns	interessi mhux kummerċjali
	Interessi importanti mhux kummerċjali bħat-trattament xieraq tal-annimali, is-sigurtà tal-ikel, miżuri ambjentali, aġġustamenti strutturali, l-Iżvilupp Rurali u t-taffija tal-faqar.	
756347	organic farming, organic agriculture	biedja organika, agrikoltura organika
	Biedja mingħajr l-użu ta' fertilizzanti inorganiċi jew pestiċidi. Nota dwar it-terminu: Normalment, "biedja organika" huwa t-terminu użat mill-bdiewa.	

1090364	other wooded land, OWL	art imsaġġra oħra, OWL
	Art b'kopertura ta' qċaċet tas-siġar (jew livell ta' popolament ekwivalenti) ta' 5-10 fil-mija ta' siġar li kapaċi jilħqu għoli ta' 5m fil-maturità <i>in situ</i> ; jew kopertura ta' qċaċet (jew livell ta' popolament ekwivalenti) ta' iktar minn 10 fil-mija ta' siġar li mhumiex kapaċi jilħqu għoli ta' 5m fil-maturità <i>in situ</i> , u kopertura ta' sġajjar jew arbuxxelli.	
2231317	out-of-quota sugar	zokkor barra mill-kwota
	Zokkor li jiġi prodott f'eċċess mill-kwota tal-produzzjoni.	
2223070	partial decoupling	diżakkoppjament parzjali
	Nota dwar il-kunċett: Ir-riforma tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni introduċiet id-diżakkoppjament tal-pagamenti diretti bħala r-regola ġenerali. Madankollu, fi ħdan il-qafas stabbilit mill-Kunsill, l-Istati Membri setgħu jagħżlu li sa ċertu punt iżommu ftit mill-pagamenti diretti marbutin mal-produzzjoni.	
931072	payment entitlement	intitolament għal pagament
	Intitolament introdott bir-riforma tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni biex tiġi implimentata l-iskema ta' pagament uniku. Nota dwar il-kunċett: L-intitolamenti għall-pagament kienu jiġu mqassma lill-bdiewa abbażi ta' dejta storika (fuq livell reġjonali jew tal-bidwi individwali). Mir-riforma tal-2003, biex jikkwalifika għal pagament uniku, kull bidwi kellu jattiva l-intitolamenti għall-pagament li kien iżomm flimkien mal-istess numru ta' ettari agrikoli eliġibbli. Ir-riforma għall-perjodu ta' wara l-2013 tippredvi li dawn l-intitolamenti għall-pagamenti se jiskadu u se jiġu sostitwiti b'intitolamenti għall-pagament li għadhom kemm ġew stabbiliti skont l-iskema ta' pagament bażiku. B'deroga, xi Stati Membri li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet jistgħu jżommu l-intitolamenti eżistenti għall-pagament.	

3561154	payment for agricultural practices beneficial for the climate and the environment, greening payment, green direct payment, Green payment	pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, pagament ta' ekoloġizzazzjoni, pagament ta' ekoloġizzazzjoni dirett
	Pagament taħt il-Politika Agrikola Komuni li jingħata lill-bdiewa bil-kundizzjoni li jwettqu prattiki li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent.	
3561369	payment for areas with natural constraints	pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali
	Ammont addizzjonali ta' pagament dirett, għall-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn, li jista' jingħata mill-Istati Membri (jew ir-reġjuni) sabiex jiġi evitat l-abbandun tal-art f'dawn iż-żoni.	
756085	payment for young farmers	pagament għal bdiewa żgħażaġh
	Pagament mogħti mill-Istati Membri lill-bdiewa żgħażaġh abbażi ta' ċerti rekwiżiti. Nota dwar il-kunċett: Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu ta' wara l-2013 tipprevedi li l-bdiewa żgħażaġh (bdiewa li jkunu qegħdin jibdew l-attività tal-biedja tagħhom u li ma jkollhomx aktar minn 40 sena fis-sena tal-applikazzjoni) li jkunu eliġibbli għall-pagament bażiku jistgħu jirċievu pagament taħt l-iskema għall-bdiewa żgħażaġh għal perjodu massimu ta' ħames snin. Il-pagament huwa ta' 25% tal-pagament bażiku. L-istati Membri jistgħu jagħżlu li jallokaw sa 2% tal-pakkett tal-pagament dirett tagħhom għal dawn il-pagamenti.	
2148219	permanent crop	għalla permanenti
	Fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni, għalla kkultivata mingħajr newba, għajr mergħa permanenti jew bur permanenti, li tokkupa l-art għal ħames snin jew aktar u li tagħti f'isad ripetut, inklużi l-mixtliet u l-imsaġar ta' newba qasira.	

1572827	permanent grassland	bur permanenti
	Bur li jinżamm b'mod perpetwu mingħajr ma jerġa' jinżera' - madankollu bur li jkun ilu tal-inqas ħames snin spiss jiġi ddefinit ukoll b'hal permanenti.	
1572831	permanent pasture	mergħa permanenti
	Art li tintuża sabiex jtkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera'), li hi xierqa għar-ragħa tal-animali, u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-għelejjel tal-impriża għal ħames snin jew aktar.	
3549294	phytosanitary transit	tranżitu fitosanitarju
	Meta pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra jgħaddu minn pajjiż li ma jkunux importati fih.	
1442538	plant passport	passaport tal-pjanti
	Tikketta uffiċjali li tigarantixxi li l-pjanti tkabbru minn produttur irreġistrat spezzjonat regolarment, li l-pjanti huma ħielsa minn kull pest u marda ta' kwarantina u li tkabbru f'ambjent li huwa wkoll ħielsa minnhom, u li l-pjanti importati minn pajjiżi oħra nkisbu mingħand importatur irreġistrat, ġew spezzjonati mal-wasla tagħhom u nstabu li huma ħielsa minn pesti u mard ta' kwarantina.	
1265992	premium	premium
	Normalment dan kien jirreferi għall-ħlas dirett mogħti lill-bidwi għal kull bhima (premium tan-nagħaġ, premium speċjali taċ-ċanga, premium tal-għoġol) iżda wara r-riforma tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni, il-premia ġew fil-biċċa l-kbira diżakkoppjati mill-produzzjoni u ġew inkorporati fl-iskema ta' pagament uniku.	

3510031	primary administrative or judicial finding, first administrative or judicial finding	riżultanza amministrattiva jew ġudizzjarja primarja
	<p>L-ewwel valutazzjoni bil-miktub minn awtorità kompetenti jew amministrattiva jew ġudizzjarja, li fuq il-bażi ta' fatti speċifiċi tikkonkludi li tkun twettqet irregolarità, mingħajr ħsara għall-possibilità li din il-konklużjoni sussegwentement jista' jkollha tiġi riveduta jew irtirata minħabba żviluppi matul il-proċediment amministrattiv jew ġudizzjarju.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Fuq il-parir tal-ġuristi tal-Kummissjoni [29/01/2015] qed tintuża "riżultanza" minflok "sejba" minħabba li tirrispetta r-reġistru proprju.</p>	
3517826	primary agricultural production, primary production of agricultural products	produzzjoni agrikola primarja, produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli
	<p>Il-produzzjoni ta' prodotti tal-ħamrija u tat-trobbija tal-bhejjem, elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mingħajr it-twettiq ta' kwalunkwe operazzjoni ulterjuri li tbidel in-natura ta' dawn il-prodotti.</p>	
1102087	private storage aid, aid for private storage	għajjnuna għall-ħżin privat
	<p>Appoġġ lill-produtturi ta' prodotti, b'ħaż-żejt taż-żebbuġa u l-butir, b'rabta mal-kostijiet ta' ħżin privat meta ċerti fatturi jżidu l-quċċata staġjonali aktar mill-aspettattivi normali, u b'hekk potenzjalment iwasslu għat-twaqqiġ tal-prezz tas-suq.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Xi prodotti għandhom ċiklu staġjonali, li jfisser li f'ċerti perjodi jkun hemm produzzjoni żejda relattiva, filwaqt li aktar tard fis-sena jkun hemm nuqqas relattiv.</p>	
3500819	processing of agricultural products	proċessar ta' prodotti agrikoli
	<p>Kwalunkwe operazzjoni fuq prodott agrikolu li tirriżulta fi prodott li huwa wkoll prodott agrikolu, minbarra attivitajiet fuq l-azjenda meħtieġa għat-tħejjija ta' prodott mill-annimali jew mill-pjanti għall-ewwel bejgħ.</p>	

2154189	producer organisation, PO	organizzazzjoni tal-produtturi, OP
	<p>Grupp legalment ikkostitwit ta' bdiewa u kultivaturi.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jassistu fid-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti. Jippromwovu wkoll kwalità ogħla ta' prodotti u jinkoraġġixxu lill-membri tagħhom jadottaw prattiki ambjentali tajbin.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Fejn tokkorri "ex-producer organisation", l-"ex-" tfisser eskluż elementi (normalment prezz jew spejjeż) b'rabta mal-OP; eżempju ta' użu oħra ta' "ex-" f'dan is-sens huwa "ex-works" fil-fatturar tat-trasport ta' merkanzija li jirreferi għall-ispejjeż jew prezz ta' oġġetti mwassla sal-port, eskluż l-ispejjeż kollha relatati mar-rilaxx tal-merkanzija.</p>	

2148648	production quota	kwota tal-produzzjoni
	<p>Limitazzjoni fuq l-ammont ta' prodott speċifiku li jista' jitqiegħed fis-suq.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-kwoti tal-produzzjoni japplikaw għall-bdiewa li jipproduċu l-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u għall-kumpaniji tal-ipproċessar li jipproduċu z-zokkor, l-isoglukożju u x-xropp tal-inulina.</p>	

152626	Programme of Options Specifically Relating to Remoteness and Insularity, POSEI	Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità, POSEI
	<p>Sett ta' programmi mfassla biex jirmedjaw is-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali ta' ċerti reġjuni remoti u insulari tal-Ewropa.</p>	

853080	protected designation of origin, PDO	denominazzjoni ta' oriġini protetta, DOP
	<p>L-isem ta' reġjun, post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali, pajjiż, użat sabiex jiddeskrivi prodott agrikolu jew prodott tal-ikel illi joriġina f'dak ir-reġjun, post speċifiku jew pajjiż, u li jkollu kwalitajiet jew karatteristiki li huma kkawżati essenzjalment jew esklussivament minħabba ambjent ġeografiku partikolari inklużi l-fatturi naturali u umani tiegħu, u li l-produzzjoni, l-ipproċessar u t-tiejjija tiegħu jsejtnu fiż-żona ġeografika definita.</p> <p>Nota dwar it-terminu: Il-Liġi Maltija kienet imsejsa fuq ir-Regolament oriġinali tradott mill-istituzzjonijiet, li kien juża d-denominazzjoni "DOP". Intalbet rettifika biex tibda tintuża kullimkien id-denominazzjoni "DOP" u mhux "DPO" (denominazzjoni protetta ta' oriġini) kif kienet tintuża qabel.</p> <p><i>Referenza: Il-Liġijiet ta' Malta, A.L. 182 tal-2004, ATT TAL-2001 DWAR IS-SIGURTÀ TAL-PRODOTTI</i></p>	

853078	protected geographical indication, PGI	indikazzjoni ġeografika protetta, IĠP
	L-isem ta' reġjun, ta' post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali ta' pajjiż, użati biex jiddeskrivu prodott agrikolu jew prodott tal-ikel:- illi joriġinaw f'dak ir-reġjun, post speċifiku jew pajjiż, u li jkollhom kwalità, reputazzjoni jew karatteristiki oħra speċifiċi marbuta ma' dik l-orijini ġeografika u li l-produzzjoni u/jew l-ipproċessar u/jew it-tnejjija tagħhom iseħħu fiż-żona ġeografika definita.	
1137036	public storage	ħżin pubbliku
	Nota dwar il-kunċett: Sabiex jiġi ġestit is-suq ta' prodott partikolari tal-ażjendi agrikoli, l-Unjoni Ewropea tista' tneħħi xi ftit mill-prodott mis-suq u taħżnu temporanjament. Il-maħżen jista' jkun proprjetà tal-gvern jew ta' xi korp pubbliku ieħor. Alternattivament, il-maħżen jista' jkun proprjetà privata, pereżempju ta' bidwi jew ta' kooperattiva. Meta l-prodott jitqiegħed f'maħżen li jkun proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi jew imwelli minnhom, l-Unjoni Ewropea tingħad li tkun "irtirat xi ftit mill-prodott mis-suq u qegħditu fi ħżin pubbliku (jew stokks ta' intervent)".	
1227136	quota sugar	zokkor fil-kwota
	Kwalunkwe kwantità ta' produzzjoni taz-zokkor, tal-isoglukożju jew tal-ġulepp tal-inulina attribwita għal sena tas-suq speċifika skont il-kwota tal-impriża kkonċernata.	
1583563	quota year	sena tal-kwota
	Perjodu ta' tnax-il xahar (li mhux bilfors jikkoinċidi mas-sena kalendarja) li jittieħed bħala bażi ta' referenza għall-istatistika jew dejta.	

3556538	redistributive payment	pagament ridistributtiv
	<p>Allokazzjoni sa 30% tal-baġit nazzjonali tal-Istati Membri għall-ewwel ettari biex jiġi ridistribwit l-appoġġ lill-bdiewa żgħar.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-għadd ta' ettari li għalihom dan il-pagament jista' jiġi allokat huwa limitat għal 30 ettaru jew id-daqs medju ta' razzett fl-Istati Membri jekk dan tal-aħħar ikun aktar minn 30 ettaru. L-ammont għal kull ettaru ma jistax jaqbeż 65% tal-pagament medju għal kull ettaru.</p>	
2232466	reference parcel	roqgħa ta' referenza
	<p>Erja ġeografikament delimitata li żżomm identifikazzjoni unika kif irreġistrata fil-GIS [IATE:1110047] fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-Istat Membru.</p>	
2245164	Regulation establishing a common organisation of the markets in agricultural products, Single CMO Regulation	Regolament li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, Regolament dwar l-OKS Unika
	<p>Regolament li, bl-għan li jissimplifika l-leġiżlazzjoni agrikola, jistabbilixxi regoli komuni għall-ġestjoni ta' ċerti swieq agrikoli, inklużi standards għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea u l-esportazzjoni lil hinn minnha.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Ir-Regolament tal-2007 kellu l-għan li jissimplifika l-ambjent regolatorju tal-PAK permezz tas-sostituzzjoni tal-21 regolament settorjali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli b'organizzazzjoni komuni tas-suq uniku.</p> <p>Nota dwar it-terminu: It-terminu li kien jintuża fil-passat i.e.: "Regolament Waħdieni dwar l-OKS" kien żbaljat. L-"OKS" hija unika u mhux ir-"Regolament".</p>	

2154253	rural development measure	miżura ta' żvilupp rurali
	<p>Miżura biex jiġu indirizzati l-bosta ftejjiet taż-żoni rurali tal-Unjoni Ewropea pprogrammata b'mod li tiżgura li tgħin sabiex tinkiseb prijorità waħda jew aktar tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp Rurali u sabiex jintlaħqu l-ftejjiet taż-żoni rurali.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-Istati Membri għandhom ċerta diskrezzjoni fir-rigward tad-disinn finali ta' dawn il-miżuri. L-appoġġ li jingħata taħt kull miżura jiġi kondiviż bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Membru kkonċernat. Dan l-arranġament huwa magħruf bħala "kofinanzjament".</p>	
1917249	rural development policy	politika ta' żvilupp rurali
	<p>Politika ddedikata għall-iżvilupp rurali tal-UE, li tkopri serje ta' miżuri bil-għan li titjeb il-kompetittività, li jkun hemm diversifikazzjoni fl-attività ekonomika, li jkun hemm konservazzjoni tal-wirt rurali u li jitqiesu l-kwistjonijiet ambjentali.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE ilha tevolvi b'mod kostanti bħala rispons għall-isfidi fiż-żoni rurali. L-aktar proċess ta' riforma reċenti, li jakkumpanja l-aġġornar usa' tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, essenzjalment tlesta f'Diċembru 2013 bl-approvazzjoni tal-atti leġiżlattivi bażiċi għall-2014-2020. It-tliet għanijiet strateġiċi fit-tul għall-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE għall-perjodu 2014-2020 huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> • it-trawwim tal-kompetittività tal-agrikoltura; • l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni favur il-klima; kif ukoll • il-kisba ta' żvilupp territorjali bilanċjat ta' ekonomiji u komunitajiet rurali inkluż il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi. 	
128766	rural development priority	prijorità għall-iżvilupp rurali
	<p>Prijorità definita fir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali, li permezz tagħha l-oġġettivi strateġiċi fit-tul tal-Iżvilupp Rurali huma interpretati f'termini ta' prijoritajiet f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020.</p>	

2149430	rural development programme	programm tal-iżvilupp rurali
	<p>Programm li jiddefinixxi l-istrategġiji pluriennali f'oqsma magħżula ta' programmazzjoni, abbażi ta' analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet soċjoekonomiċi u ambjentali tagħhom.</p>	
877545	sanitary and phytosanitary measures, SPS measures	miżuri sanitarji u fitosanitarji, miżuri SPS
	<p>Miżuri li jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u li jiżguraw li l-ikel huwa sikur biex jittiekel.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-att finali tal-ftehim tad-WTO dwar l-agrikoltura fih il-ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji. Dan japplika għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kollha li jista' jkollhom impatt dirett jew indirett fuq il-kummerċ internazzjonali.</p>	
3386556	school fruit scheme	skema tal-frott fl-iskejjel
	<p>Għajjnuna pprovduta mill-Unjoni Ewropea biex tappoġġa d-distribuzzjoni tal-frott u l-ħxejjex lit-tfal fl-iskejjel tal-kinder, tal-primarja u tas-sekondarja bl-għan li jiġu introdotti dieti bilanċjati u drawwiet alimentari tajbin.</p>	
758401	school milk scheme	skema tal-ħalib fl-iskejjel
	<p>Għajjnuna pprovduta mill-Unjoni Ewropea biex jiġi pprovdut il-ħalib u ċerti prodotti tal-ħalib lit-tfal fl-iskejjel tal-kinder, tal-primarja u tas-sekondarja.</p>	

3561160	sea basin strategy	strateġija tal-baċiri tal-baħar
	<p>Qafas strutturat ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' żona ġeografika partikolari, żviluppat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mill-Istati Membri, mir-reġjuni tagħhom u, fejn xieraq, minn pajjiżi terzi li jikkondividu baċir tal-baħar.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-istrateġija tal-baċiri tal-baħar tqis l-ispeċifitajiet ġeografiċi, klimatiċi, ekonomiċi u politiċi tal-baċiri tal-baħar.</p> <p>Nota dwar it-terminu: "Baċin" u "baċir" huma varjanti ortografiċi. Intużat il-kelma "baċir" biex inżommu l-konsistenza mal-entrati l-oħra fil-IATE.</p>	
757305	set aside/set-aside	serħan tal-art
	<p>Terminu ġeneriku għall-prattika fejn proporzjon ta' art mhux ikkultivata ma jintużax jew jintuża għal skop mhux agrikolu tul perjodu ta' żmien.</p>	
1126973	settlement of accounts, clearance of accounts	approvazzjoni tal-kontijiet
	<p>Proċedura, operata mill-Kummissjoni, biex tiżgura li l-Istati Membri jonoraw b'mod xieraq ir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-pagamenti li jsiru skont il-Politika Agrikola Komuni.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Din il-proċedura tinkludi approvazzjoni finanzjarja annwali tal-kontijiet ta' kull aġenzija tal-pagamenti u approvazzjoni pluriennali tal-konformità fir-rigward tal-konformità tat-tranżazzjonijiet skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea.</p>	
1253552	share tenacy, share cropping, share farming, share leasing, crop-share	mezzadrija
	<p>Ftehim li bih is-sid tal-art jikri l-art tiegħu bi skambju ma' parti mill-produzzjoni.</p>	

3556522	short supply chain	katina tal-provvista qasira
	Katina tal-provvista li tinvolvi għadd limitat ta' operaturi ekonomiċi, impenjati lejn il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku lokali, u relazzjonijiet ġeografiċi u soċjali mill-viċin bejn il-produtturi, il-proċessuri u l-konsumaturi.	
3566788	silviculture	silvikultura
	Il-fergħa tal-forestrija li tikkonċerna l-kultivazzjoni tas-siġar.	
933224	single area payment scheme, SAPS	skema ta' pagament uniku skont l-erja, SPUE
	Sistema li tinvolvi ħlas ta' ammonti uniformi għal kull ettaru ta' art agrikola fl-Istat Membru kkonċernat, sa limitu nazzjonali li jirriżulta mill-ftehim tal-adeżjoni. Nota dwar il-kunċett: Dan huwa każ speċjali għall-UE 10 tal- Iskema ta' Pagament Uniku (SPU) [IATE:930432] introdotta bir-riforma tal-PAK ta' Ġunju 2003.	
2242156	single common market organisation, single CMO	organizzazzjoni komuni tas-suq unika, OKS unika
	Il-ġabra taħt kapa leġislattiva waħda tal-21 organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti agrikoli.	
2113252	single farm payment	pagament uniku tal-azjendi agrikoli
	Sussidju agrikolu mogħti lill-bdiewa mill-Unjoni Ewropea abbażi ta' kull ettaru, u mhux abbażi tal-ammonti ta' għelejjel speċifiċi li jkunu pproduċew. Nota dwar il-kunċett: Bir-riforma tal-PAK, l-iskema ta' pagament uniku tiegħu post il-ħdax-il skema ta' pagament uniku tal-azjendi agrikoli.	

2246072	single payment entitlement	intitolament għal pagament uniku
	Dritt finanzjarju taħt l- iskema ta' pagament uniku [IATE:930432] fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni.	
930432	single payment scheme, SPS	skema ta' pagament uniku, SPU
	Appoġġ għall-introjt għall-bdiewa. Nota dwar il-kunċett: Ir-riforma tal-2003 tal-PAK introdūciet sistema ġdida ta' pagamenti diretti, magħrufa bħala l-"iskema ta' pagament uniku", li permezz tagħha l-għajjnuna li tingħata lill-bdiewa m'għadhiex marbuta mal-produzzjoni (diżakkoppjament).	
924551	small farmers scheme	skema għall-bdiewa żgħar
	Skema simplifikata ta' pagament dirett għall-għoti ta' pagament, li l-livell tiegħu jiġi determinat mill-Istat Membru iżda li ma jaqbiżx l-EUR 1,250, lil dawk il-bdiewa li jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskema. Nota dwar il-kunċett: L-iskema għall-bdiewa żgħar tinkludi proċeduri amministrattivi simplifikati. Il-bdiewa parteċipanti huma eżentati minn sanzjonijiet u kontrolli ta' titjib ekoloġiku u ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jallokaw sa 10% tal-allokkazzjoni tal-pagament dirett tagħhom għal din l-iskema.	
931107	statutory management requirements	rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni
	Standards agrikoli ta' ġestjoni għall-protezzjoni tal-ħabitats u tal-organiżmi selvaġġi, għall-ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma, għall-kontroll tal-użu tas-sustanzi kimiċi u għas-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq u l-identifikazzjoni tagħhom.	

3546213	Stresa Conference	Konferenza ta' Stresa
	<p>Konferenza ta' uffiċjali tal-Kummissjoni, esperti nazzjonali u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa li ddeċidew kif se jilħqu l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni kif stipulati fl-Artikolu 39 tat-Trattat ta' Ruma (issa l-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea).</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Il-konferenza saret fi Stresa, fuq il-Lago Maggiore fl-Italja f'Lulju 1958. L-iktar deċiżjoni ambizzjuża kienet l-appoġġ tal-agrikoltura permezz tal-garanzija li l-prezzijiet li l-bdiewa jirċievu għall-prodotti tagħhom meta jbigħuhom fis-suq ma jaqgħux taħt prezz minimu (mekkaniżmu magħruf bħala "appoġġ għall-prezzijiet" jew "appoġġ għas-suq").</p>	
1696405	support price, pegged price	prezz ta' appoġġ
	<p>Prezz li jiġi stabbilit f'sistema ta' organizzazzjoni tas-swieq (partikolarment għall-prodotti agrikoli) sabiex tiġi żgurata r-rimunerazzjoni tal-produttur, u li jinżamm fiss għal ċertu perjodu (bħal pereż. prezzijiet staġjonali) mingħajr ma jkun jista' jżied jew jonqos.</p>	
755774	sustainable development	żvilupp sostenibbli
	<p>Forma ta' tkabbir ekonomiku li jissodisfa l-ħtiġijiet tas-soċjetà fis-sens ta' benessri fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u - fuq kollox - twil.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: Dan jibni fuq is-suppożizzjoni li l-iżvilupp irid jissodisfa l-ħtiġijiet tal-lum mingħajr ma jfixkel il-prospetti għat-tkabbir għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.</p>	
2154321	sustainable use	użu sostenibbli
	<p>L-użu ta' komponenti tad-diversità bijoloġika b'mod u rata li ma jwasslux għad-deklin tagħha fuq perjodu ta' żmien twil, biex b'hekk jinżamm il-potenzjal li d-diversità bijoloġika tissodisfa l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet t'issa u tal-ġejjieni.</p>	

	thematic objective	objettiv tematiku
3556528	<p>Kull wieħed mill-objettivi segwenti, appoġġati minn kull Fond ESI: (1) it-tisfih tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni; (2) it-tisfih tal-aċċess għall-ITC, u l-użu u l-kwalità tagħhom; (3) it-tisfih tal-kompetittività tal-SMEs, tas-settur tal-agrikoltura (għall-FAEŻR) u tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura (għall-FEMS); (4) l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi kollha; (5) il-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji; (6) il-preservazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi; (7) il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u t-tneħħija ta' ostakoli fl-infrastrutturi tan-netwerks ewlenin; (8) il-promozzjoni ta' impjegi sostenibbli u ta' kwalità u s-sostenn tal-mobilità tax-xogħol; (9) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u kull diskriminazzjoni; (10) l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, it-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja; (11) it-tisfih tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet interessati u amministrazzjoni pubblika effiċjenti.</p>	

	transitional national aid	għajjnuna nazzjonali tranżitorja
3561153	<p>Għajjnuna li bdiet fl-2013 f'dawk l-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja u li jirċievu livell sħiħ ta' pagamenti diretti.</p> <p>Nota dwar il-kunċett: L-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jitħallew ikompli jagħtu għajnuniet nazzjonali taħt l-istess kundizzjonijiet li qabel kienu japplikaw għall-pagamenti diretti nazzjonali komplementari iżda soġġetti għal tnaqqis gradwali.</p>	

	vegetative reproductive material, vegetative propagation material	materjal għall-propagazzjoni veġetattiva
757457	<p>Materjal li jintuża għar-riproduzzjoni/għall-propagazzjoni veġetattiva fil-pjanti biex jinħolqu organiżmi ġodda mingħajr il-produzzjoni ta' żrieragħ jew spori.</p>	

	voluntary coupled support	appoġġ akkoppjat volontarju
3552108	<p>Għajjnuna diretta relatata mal-produzzjoni, li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-bdiewa b'ċerti kundizzjonijiet.</p>	

1253264	young farmer	bidwi żagħżuġ
	Fil-kuntest tal-PAK, bidwi li jkun qed jibda l-attività tal-biedja tiegħu u li ma jkollux aktar minn 40 sena fis-sena tal-applikazzjoni.	
2242155	"10-month rule"	"regola ta' 10 xhur"
	Regola li tobbliga lill-bidwi jżomm fil-pussess tiegħu għal 10 xhur l-irqajja' ta' art iddikjarati għall-attivazzjoni tal-allokkazzjonijiet għall-iskema ta' pagament uniku (SPU) [IATE:930432].	
2245863	"Health Check" of the CAP reform	"Kontroll tas-Saħħa" tar-riforma tal-PAK
	Sett ta' miżuri meħuda mill-UE sabiex jimmodernizzaw u jssimplifikaw il-PAK u jneħħu ċerti restrizzjonijiet fuq il-bdiewa, li jgħinjom iwieġbu aħjar għas-sinjali li ġejjin mis-suq u jiffaċċjaw sfidi ġodda.	